



**Postijiet tax-xogħol
li jgħibu 'l quddiem is-saħħa
ĦAFFEF IL-PIŻ**



Id-disturbi muskoloskeletalali u d-diversità tal-forza tax-xogħol:

fatturi ta' riskju u inizjat
tivi ta' prevenzjoni fi gruppi
speċifiċi ta' ħaddiema.

Punti ewlenin

- Il-forza tax-xogħol Ewropea qed issir dejjem aktar diversa, u għet introdotta leġiżlazzjoni biex jitlej dan, biex tiġi infurzata l-ugwaljanza u biex jitlej s-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol għal kulħadd. Madankollu, xi gruppi ta' ħaddiema għadhom esposti għal riskji partikolari aktar minn oħrajn.
- Id-disturbi muskuloskeletalali (MSDs) huma kkawżati u aggravati minn fatturi ta' riskju fiżiċi, psikosoċjali, organizzattivi u individwali (li spiss jinteraġixxu ma' xulxin). L-esponenti akkumulati għal riskji bħal dawn maż-żmien iżid il-probabbiltà li jiġu esperjenzati kwistjonijiet ta' sikurezza u saħħa okkupazzjonali (OSH) u MSDs.
- In-nisa, il-ħaddiema LGBTI (persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali) u l-ħaddiema migranti huma esposti aktar ta' spiss għal riskji psikosoċjali, inklużi d-diskriminazzjoni, il-bullying, il-fastidju u l-abbuż verbali.

Postijiet tax-Xogħol Ħielsa mill-Periklu Jħaffu l-Piż

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) qed tmexxi kampanja fl-Ewropa kollha mill-2020 sal-2022 biex tqajjem kuxjenza dwar id-disturbi muskuloskeletalali (MSDs) relatati max-xogħol u l-importanza li jiġu evitati. L-oġettiv huwa li l-impjegaturi, il-ħaddiema u partijiet ikkonċernati oħra jiġu mħeġġa jaħdmu flimkien biex jipprevjenu l-MSDs u jippromwovu saħħa muskuloskeletalali tajba fost il-ħaddiema tal-UE.

Id-diversità tal-forza tax-xogħol u l-prevalenza tal-problemi tas-saħħa u tal-MSDs

Id-diversità tal-forza tax-xogħol tirreferi għall-kompożizzjoni eteroġenika tal-forza tax-xogħol f'dak li jirrigwarda l-karatteristiċi soċjodemografiċi u fiżiċi tal-ħaddiema inklużi l-età, il-ġeneru, in-nazzjonalità, l-orjentazzjoni sesswali, u d-diżabbiltà. Il-forza tax-xogħol Ewropea qed issir dejjem aktar diversa bħala riżultat tal-influss ta' ħaddiema migranti u refuġjati, l-għadd dejjem jikber ta' ħaddiema migranti tat-tieni ġenerazzjoni, il-parteċipazzjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol, il-politiki ta' tixjiħ attiv li jżidu l-għadd ta' ħaddiema akbar fl-età fil-forza tax-xogħol, iż-żieda fil-viżibbiltà tal-ħaddiema LGBTI u l-parteċipazzjoni akbar tal-ħaddiema b'diżabbiltà.

Ċerti gruppi ta' ħaddiema spiss jirrapportaw prevalenza ogħla ta' problemi tas-saħħa relatati max-xogħol, inklużi l-MSDs. Uħud minn dawn il-gruppi ntgħażlu għal analiżi fil-fond (nisa, ħaddiema migranti, ħaddiema LGBTI), u żvantaġġi oħra (l-età, il-livell baxx ta' edukazzjoni) ġew ikkunsidrati fl-analiżi. L-għan kien li jimtlew il-lakuni fir-riċerka u li tiġi kkomplementata l-informazzjoni dwar gruppi oħra ta' ħaddiema u l-esponiment tagħhom għal riskji relatati mal-MSDs, bħall-ħaddiema li jbatu minn kundizzjonijiet tas-saħħa kronika¹ (eż. disturbi rewmatiċi u muskuloskeletal) jew ħaddiema zgħażaġh u futuri².

In-nisa jirrapportaw kwistjonijiet tas-saħħa relatati max-xogħol u jesperjenzaw problemi ta' saħħa ġenerali aktar spiss mill-irġiel. Id-data mill-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS) tal-2015 turi li 60 % tal-ħaddiema nisa fl-UE rrapportaw MSD wieħed jew aktar (56 % tal-irġiel).

Il-ħaddiema migranti jirrapportaw problemi akbar ta' saħħa, inkluż mard infettiv u mard kardjovaskulari metaboliku, kwistjonijiet ta' saħħa mentali u prevalenza ogħla ta' MSDs, kif ukoll aktar inċidenti fuq il-post tax-xogħol u korrimenti relatati max-xogħol, mill-forza tax-xogħol ġenerali.

Il-ħaddiema LGBTI huma f'riskju ogħla ta' problemi ta' saħħa mentali u fiżika mill-popolazzjoni ġenerali, bi prevalenza akbar ta' problemi tas-saħħa fit-tul, inklużi l-MSDs, l-artrite, il-problemi fis-sinsla, id-dipressjoni, ħsibijiet ta' suwiċidju, l-ansjetà u l-awtokorrimment, u sindromu ta' għeja kronika.

Esponiment għal fatturi ta' riskju għas-saħħa relatati max-xogħol

Fatturi ta' riskju relatati mal-MSDs

Gruppi differenti ta' fatturi jistgħu jikkontribwixxu għal MSDs relatati max-xogħol, inklużi fatturi fiżiċi u bijomekkaniki, fatturi organizzattivi u psikosoċjali, u fatturi individwali. Dawn jistgħu jaġixxu b'mod indipendenti jew flimkien. Għalhekk meta jiġu vvalutati l-MSDs relatati max-xogħol għandu jiġi kkunsidrat l-esponiment għal kombinazzjoni ta' fatturi ta' riskju.

Fatturi ta' riskju għall-ħaddiema nisa

Il-ħaddiema nisa huma partikolarment esposti għal għadd ta' fatturi ta' riskju fiżiċi relatati max-xogħol għall-MSDs. Id-data tal-EWCS għall-2015 turi li proporzjon sinifikanti ta' ħaddiema nisa rrapportaw li huma impjegati f'impjegi li jinvolvu ħin twil bilqiegħda (62 %), l-użu tal-kompjuters (62 %) u movimenti ripetittivi tal-idejn jew tad-dirgħajn (61 %) għal mill-inqas kwart tal-ħin tax-xogħol tagħhom. Madwar 42 % tan-nisa rrapportaw li kienu qed jaħdmu f'pożizzjonijiet ta' għeja jew ta' wġigħ għal mill-inqas kwart tal-ħin tax-xogħol tagħhom, u madwar 15 % kienu impjegati f'impjieg li jinvolvi l-irfigħ jew iċ-ċaqliq ta' persuni.

In-nisa huma partikolarment irrappreżentati f'setturi (eż. l-edukazzjoni, ix-xogħol soċjali, il-kummerċ, l-ospitalità, is-servizzi tat-tindif, iċ-ċentri telefoniċi, il-ħwienet tax-xagħar, is-settur pubbliku) u f'impjegi (eż. il-persuni li jindukraw, il-ħaddiema tat-tindif, l-iskrivani, il-professjonisti tas-saħħa, il-professjonisti tat-tagħlim) fejn dawn ir-riskji huma komuni.

Il-ħaddiema nisa huma partikolarment esposti għal fatturi ta' riskju organizzattivi u psikosoċjali li jistgħu jwasslu għal riskju ogħla li jbatu minn MSDs, speċjalment meta magħhom ikun hemm fatturi ta' riskju fiżiku:

- id-diskriminazzjoni, il-fastidju u l-attenzjoni sesswali mhux mixtieqa;
- il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u r-“rwol doppju” tan-nisa;
- l-istress relatat max-xogħol, ħtiġijiet emozzjonali;
- in-nuqqas ta' opportunitajiet ta' karriera u d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri;
- forum mhux tipiċi ta' impjieg;
- il-vuċi u d-drittijiet limitati tan-nisa;
- il-perspettiva prevalenti ddominata mill-irġiel dwar il-mard okkupazzjonali u l-kwistjonijiet tal-OSH.

Il-ħaddiema nisa huma esposti wkoll għal riskji ogħla ta' MSDs minħabba li ħafna għodod tal-OSH, tagħmir personali protettivi (PPE) u impjegi ma jqsux il-karatteristiċi fiżiċi tal-figura tan-nisa.

1 <https://osha.europa.eu/mt/publications/working-chronic-rheumatic-and-musculoskeletal-diseases/view>

2 https://oshwiki.eu/wiki/Musculoskeletal_Disorders_in_Children_and_Young_People

Fatturi ta' riskju għall-ħaddiema migranti

Il-ħaddiema migranti huma aktar esposti għal riskji fiżiċi mill-ħaddiema nattivi. Skont id-data tal-EWCS tal-2015, 40 % tal-ħaddiema migranti jqattgħu mill-inqas kwart tal-ħin tagħhom iġorru jew iċaqilqu tagħbijiet tqal (31 % għall-ħaddiema nattivi) u 51 % jqattgħu mill-inqas kwart tal-ħin tagħhom f'pożizzjonijiet ta' għeja jew ta' wġiġ (43 % għall-ħaddiema nattivi). Il-ħaddiema migranti huma wkoll aktar esposti għal riskji bħall-vibrazzjoni, il-perikli ambjentali bħat-tossini, it-temperaturi estremi, u l-pestiċidi u s-sustanzi kimiċi, u jkollhom aktar inċidenti fuq il-post tax-xogħol.

Il-ħaddiema migranti huma aktar probabbli li jaħdmu f'impjiegi "3D" (dirty, dangerous and demanding — ta' ħmieġ, ta' periklu u ta' strapazz), li huma assoċjati ma' kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u ma' riskji akbar għall-OSH. Dawn spiss jiġu impjegati fl-agrikoltura, fil-manifattura, fil-minjieri u fl-enerġija, fil-kura tas-saħħa u fix-xogħol soċjali, u fil-kostruzzjoni — u huma aktar fiċ-ċans li jingħataw impjiegi b'livell baxx ta' ħiliet jew bla sengħa.

L-evidenza turi li l-prevalenza oġġla ta' MSDs fost il-ħaddiema migranti hija assoċjata kemm mar-riskji fiżiċi kif ukoll mar-riskji organizzattivi u psikosoċjali:

- il-bullying, il-fastidju u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol;
- is-sensazzjoni ta' iżolament u n-nuqqas ta' appoġġ;
- id-diskriminazzjoni;
- ix-xogħol temporanju u prekarju;
- is-siġħat twal ta' xogħol, is-sahra, siġħat tax-xogħol mhux soċjali;
- in-nuqqas ta' opportunitajiet ta' karriera u s-salarji baxxi;
- it-taħriġ limitat (relatati mal-OSH) u nuqqas ta' involviment f'attivitajiet relatati mal-OSH;
- is-setgħa ta' negozjar aktar baxxa mal-impjegaturi;
- l-għarfien limitat tal-lingwa u l-kultura tal-pajjiż ospitanti;
- l-aċċess limitat għas-servizzi tal-akkomodazzjoni u tas-saħħa.

Is-salarji aktar baxxi jġiegħlu lill-ħaddiema migranti jagħmlu aktar minn impjeg wieħed biex ilaħħqu, u dan jikkawża aktar stress u għeja. In-nuqqas ta' involviment attiv tagħhom fl-attivitajiet tal-OSH imfassla u implimentati fil-livell tal-post tax-xogħol, flimkien mar-rappreżentanza limitata tagħhom fil-kunsilli tax-xogħol, inaqas il-probabbiltà li l-kwistjonijiet tas-saħħa tal-migranti jinġiebu għall-attenzjoni tal-maniġment u jirrappreżentaw riskji addizzjonali.

Fatturi ta' riskju għall-ħaddiema LGBTI

Il-ħaddiema LGBTI huma esposti għal għadd ta' fatturi ta' riskju organizzattivi u psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, bħad-diskriminazzjoni, l-istrategġiji ta' ħabi u l-"mikroaggressjonijiet", bħal ċajt u ridikolar, ħars, seksik u kummenti negattivi, li jikkontribwixxu għal sens ta' nuqqas ta' sikurezza u jistgħu jwasslu għall-awtoiżolament, b'konsegwenzi negattivi għas-saħħa mentali u fiżika tagħhom, inklużi l-MSDs.

Il-ħaddiema LGBTI huma impjegati aktar ta' spiss f'setturi u f'okkupazzjonijiet fejn jistennaw li jħossu aktar sikuri u jesperjenzaw inqas intolleranza u diskriminazzjoni, skont is-"segregazzjoni bbażata fuq il-preġudizzju". Xi studji sabu wkoll li l-ħtieġa li jaħbu l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru tagħhom hija importanti fit-tiswir tal-għażliet tal-karriera tal-ħaddiema LGBTI, peress li jistgħu jevitaw impjiegi li fihom il-ħabi jkun diffiċli u l-iżvelar tas-sesswalità tagħhom jista' jkollu żvantaġġi kbar. Is-settur pubbliku huwa meqjus bħala wieħed mis-setturi l-aktar sikuri, filwaqt li kumpaniji kbar u multinazzjonali qed jippromwovu dejjem aktar id-diversità, l-inklużjoni u l-prattiki kontra d-diskriminazzjoni, u għalhekk huwa aktar probabbli li jattiraw ħaddiema LGBTI.

Il-ħaddiema LGBTI huma partikolarment esposti għall-fatturi ta' riskju li ġejjin:

- id-diskriminazzjoni fl-aċċess għall-impjiegi u ċans akbar li jitkeċċew;
- id-diskriminazzjoni istituzzjonali;
- id-diskriminazzjoni għal raġunijiet multipli (eż. il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-età u n-nazzjonalità jew ir-razza);
- id-diskriminazzjoni interpersonali u l-"mikroaggressjonijiet";
- il-fastidju, il-bullying u l-abbuż verbali;
- l-attenzjoni sesswali mhux mixtieqa;
- il-ħabi tal-orjentazzjoni sesswali u tal-identità tal-ġeneru fuq il-post tax-xogħol;
- is-salarji aktar baxxi u l-opportunitajiet limitati ta' promozzjoni u prospetti tal-karriera;
- aktar nuqqas ta' sigurtà fl-impjiegi, ix-xogħol temporanju u prekarju.



Il-prevenzjoni tal-MSDs f'forza tax-xogħol diversa

L-iżgurar ta' post tax-xogħol sikur u ħieles mill-periklu għall-ħaddiema kollha huwa imperattiv legali stabbilit fil-Qafas dwar l-OSH (id-Direttiva 89/391/KEE)³. Dan jirrikjedi li l-impjegaturi jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju u jenfasizza l-ħtieġa li "jaddattaw ix-xogħol għall-individwu" u jinkludu fil-valutazzjonijiet tar-riskju "dawk li jiltaqgħu magħhom gruppi ta' ħaddiema esposti għal riskji partikolari"⁴.

Li wieħed iqs il-kwistjonijiet tal-ġeneru u d-diversità fil-valutazzjoni tar-riskju⁵ huwa essenzjali għal postijiet tax-xogħol produttivi u ħieles mill-periklu. Ix-xogħol, l-organizzazzjoni tiegħu u t-tagħmir użat għandhom ikunu mfassla biex jaqblu mal-karatteristiċi u l-ħtiġijiet tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, mhux bil-maqlub⁶.

Hawn taħt hawn ftit eżempji ta' inizjattivi u prattiki tal-kumpaniji mmirati lejn it-titjib tal-OSH u l-prevenzjoni tar-riskji relatati mal-MSDs fost il-ħaddiema nisa, migranti u LGBTI:

REDI – Network tan-Negożju għall-Inklużjoni u d-Diversità tal-LGBTI⁷ (Spanja)

Ir-REDI (Red Empresarial por la Diversidad e Inclusión LGBTI — Network tan-Negożju għall-Inklużjoni u d-Diversità tal-LGBTI) hija assoċjazzjoni tan-network mingħajr skop ta' qligħ li l-membri tagħha jinkludu wħud mill-akbar kumpaniji Spanjoli u multinazzjonali li jinsabu fi Spanja. Ir-REDI żviluppa għadd ta' attivitajiet biex irawwem ambjent inklużiv u rispettuż fl-organizzazzjonijiet u b'hekk jgħin biex jinqerdu l-preġudizzji soċjokulturali u l-prattiki ta' diskriminazzjoni li jxekklu l-iżvilupp u l-prestazzjoni professjonali tal-ħaddiema LGBTI u joħloq ambjent tax-xogħol sikur b'riskji psikosoċjali mnaqqsa.

Sett ta' għodod għall-valutazzjoni tar-riskju għal ċittadini mhux tal-UE⁸ (il-Lombardia, l-Italja)

L-inizjattiva "Valutazione dei rischi per la sicurezza e la salute con riferimento alla provenienza da altri paesi" (Valutazzjoni tar-riskju għas-saħħa u s-sikurezza għall-ħaddiema mhux nattivi) tnediet fl-2009 mill-awtorità tas-saħħa ta' Brescia f'kollaborazzjoni mas-sħab soċjali biex tgħin lill-postijiet tax-xogħol jinkorporaw ir-riskji tal-OSH relatati ma' ħaddiema migranti mhux tal-UE fil-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju tagħhom u biex tippromwovi attivitajiet relatati mal-OSH speċifiċi għalihom. L-inizjattiva żviluppat sett ta' għodod għall-valutazzjoni tar-riskju biex jiġu evalwati l-fatturi ta' riskju personali, soċjali u relatati max-xogħol li jikkontribwixxu għaż-żieda fil-vulnerabbiltà tal-migranti fuq il-post tax-xogħol.

Sett ta' għodod għall-Integrazzjoni tal-Perspettiva tal-Ġeneri fil-Prevenzjoni tar-Riskji Okkupazzjonali⁹ (il-Pajjiż Bask, Spanja)

Fl-2017, Osalan, l-Istitut Bask tas-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali, bl-appoġġ ta' Emakunde, l-Istitut tan-Nisa Bask, żviluppa sett ta' għodod għall-prevenzjoni tar-riskju sensitiv għall-ġeneru (Linji Gwida għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fil-prevenzjoni tar-riskji okkupazzjonali) bl-għan li titqajjem kuxjenza fost il-ħaddiema, l-impjegaturi u l-esperti kollha tas-servizzi ta' prevenzjoni tad-differenzi sesswali (bijoloġiċi) u tal-ġeneru (kulturali) bejn l-irġiel u n-nisa, sabiex ikunu jistgħu jitqiesu meta jiġu żviluppati u implimentati attivitajiet ta' prevenzjoni tar-riskju okkupazzjonali.

3 https://oshwiki.eu/wiki/Policy,_law_and_guidance_for_psychosocial_issues_in_the_workplace:_an_EU_perspective
<https://osha.europa.eu/mt/legislation/directives/the-osh-framework-directive/the-osh-framework-directive-introduction>

4 <https://osha.europa.eu/mt/publications/factsheets/87>

5 <https://osha.europa.eu/mt/publications/factsheet-43-including-gender-issues-risk-assessment>

6 Diversity-sensitive risk assessment, Gwida EMEX – SLIC. Verżjonijiet lingwistiċi disponibbli fuq: https://circabc.europa.eu/ui/group/fea534f4-2590-4490-bca6-504782b47c79/library/e9ec023f-cb5f-4e09-ac6a-6b5ffe05e729?p=1&n=10&sort=modified_DESC

7 <https://www.redi-lgbti.org>

8 <https://www.cisl.brescia.it/wp-content/uploads/2011/11/Un-progetto-sulla-sicurezza-per-i-lavoratori-stranieri.pdf>


9 https://www.osalan.euskadi.eus/contenidos/libro/gestion_201710/es_def/adjuntos/pautas_integracion_prl.pdf

Iktar tagħrif

Il-prevenzjoni ta' disturbi muskuloskeletalni f'forza tax-xogħol diversa: fatturi ta' riskju għan-nisa, migranti u ħaddiema LGBTI: <https://osha.europa.eu/mt/publications/preventing-musculoskeletal-disorders-diverse-workforce-risk-factors-women-migrants-and/view>

Sommarju: Il-prevenzjoni ta' disturbi muskuloskeletalni f'forza tax-xogħol diversa: fatturi ta' riskju għan-nisa, migranti u ħaddiema LGBTI: https://osha.europa.eu/sites/default/files/publications/documents/Workforce_diversity_MSDs_facts_figures_summary.pdf

It-taqsima tematika dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-MSDs: <https://osha.europa.eu/mt/themes/musculoskeletal-disorders>



www.healthy-workplaces.eu